# ID-DAWL

MARZU 2026 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 99

**“Inti l-Protettur tagħna. Mela aħfrilna, u uri ħniena minna, għaliex Inti l-Aqwa fost dawk li jaħfru.”**



Talb għall-Maħfra | Is-Sawm fiż-Żmien ta’ Sfidi | Senduq mimli Ġojjelli | Fil-Qosor

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

Editorjal

# Talb għall-maħfra u l-ħniena ta' Alla


***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat*


Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, qal li matul ir-Ramadan Alla jiftaħ il-bibien kollha għall-Ġenna u jagħlaq il-bibien li jwasslu għall-Infern u jrażżan lix-Xitan. Dan ifisser li, atmosfera spiritwali hija stabbilita għal dawk kollha li verament jixtiequ jibbenefikaw mill-grazzja ta' Alla l-Ħanin u l-Grazzjuż, ikollhom dnubiethom maħfura u jimlew ħajjithom b'barkiet bla għadd mingħand Sidhom. Għalhekk, dawk li jemmnu huma mistennija li jippruvaw jiksbu benefiċċji massimi minn dawn il-barkiet speċjali tar-Ramadan, u jilħqu livell għoli ta' spiritwalità u moralità, u għandhom dejjem jinvolvu ruħhom f'talb u suppliki.

**"Sidna, aħna żbaljajna u dnibna kontra tagħna nfusna, u jekk Inti ma taħfrilniex u ma jkollokx ħniena minna, mela aħna tassew inkunu mitlufin."** (Il-Koran, 7:24)

**"Jekk Sidna ma jħennx għalina u jaħfrilna, tabilħaqq inkunu fost it-telliefa."** (Il-Koran, 7:150)

**"Inti l-Protettur tagħna. Mela aħfrilna, u uri ħniena minna, għaliex Inti l-Aqwa fost dawk li jaħfru."** (Il-Koran, 7:156)

**"(Mulej) Jekk tikkastigahom, huma tabilħaqq il-qaddejja Tiegħek, u jekk taħfrilhom, Inti tassew il-Qawwi u l-Għaqli."** (Il-Koran, 5:119)

**"Mulejja, jiena nistkenn fik, li ma mmurx nitolbok dak li dwaru ma għandix għarfien. U jekk Inti ma taħfirlix u ma jkollokx ħniena minni, inkun mit-tellifin."** (Il-Koran, 11:48)


## ID-DAWL

MARZU 2026 – Numru 99 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyyamalta.org**


## INDEX


Prayer for forgiveness and mercy 02
Fasting in times of challenges 04
Understanding poverty 05
A casket of jewels 06
Whoever loves to meet Allah 08



www.ahmadiyya.mt/id-dawl **Qoxra:** The Goatman/Shutterstock.com

# Tħallix idek ix-xellugija tara dak li tagħmel il-leminija

Darba raġel nobbli talab xi flus f'laqgħa, peress li kien fil-bżonn. Persuna waħda tatu somma sabiħa għall-bżonnijiet tiegħu, billi qisitu bħala raġel ġust u verament għandu bżonn. Ir-raġel nobbli ħa l-flus, u faħħar il-ġenerożità u l-qalb tajba tal-persuna li kienet għenitu.

Madanakollu, il-persuna li kienet offriet l-għajnuna tnikktet bil-ħsieb li setgħet tiġi mċaħħda mill-premju tagħha fil-ħajja ta' wara kif kienet ġiet imfaħħra quddiem in-nies hawn fid-dinja. Ftit wara, fil-fatt, dan l-individwu rritorna u qal li l-flus kienu ta' ommu u ma kinitx lesta tagħtihom lil ħadd.

Għalhekk, il-flus ġew irritornati. Kulħadd seħet lil dan ir-raġel u qal li kien hu li fil-fatt ma riedx jagħti flusu lir-raġel fil-bżonn.

Aktar tard dakinhar filgħaxija, meta r-raġel nobbli rritorna d-dar, l-istess persuna ġabitlu dawk il-flus tiegħu u qaltlu: "Ħsibt li inti ċaħħadtni mill-premju tiegħi fil-ħajja ta' wara billi faħħartni fil-pubbliku. Huwa għalhekk li sibt skuża, għax ma ridtx li nidher f'għajn in-nies u lanqas it-tifħir. Issa dawn il-flus huma tiegħek, imma jekk jogħġbok issemmix ismi ma' ħadd."

Ir-raġel nobbli beda jibki u qal:

"Issa, ħadt fuqek innifsek sal-Jum il-Ġudizzju s-saħta u t-tmaqdir tan-nies, għax kulħadd jaf bl-inċident li seħħ aktar kmieni llum, imma ħadd ma jaf li issa rritornajt il-flus lili; u ħadd ma jaf l-intenzjonijiet tajba tiegħek."

Dan huwa l-mod kif għandna nagħmlu l-affarijiet tagħna li ħadd ma jaf bihom; it-tajjeb li tagħmel żommu għalik u tiftaħarx bih ma' ħaddieħor, kif ngħidu bil-Malti li, 'tħallix idek ix-xellugija tara dak li tagħmel il-leminija'.



# Is-sawm fiż-żminijiet ta' sfidi kbar

iStock.com -Golibtolibov

Fiċ-ċirkostanzi diffiċli u l-ħajja mgħaġġla tal-lum, mimlija sfidi u sagrifiċċji, għadu jagħmel sens is-sawm matul ir-Ramadan?

Nemmen li s-sawm jagħmel ħafna aktar sens illum milli qatt qabel. F'nofs ħajjitna mgħaġġla, impenjattiva, u spiss mimlija diffikultajiet, rarament nieqfu biex nirriflettu fuq ħajjitna u l-iskop veru tal-eżistenza tagħna. Għalhekk, ir-Ramadan huwa żmien imbierek—opportunità prezzjuża biex nieqfu, naħsbu, nirriflettu, nirriformaw, u nimxu 'l quddiem, kemm fl-għanijiet dinjin tagħna kif ukoll fil-ħajja spiritwali tagħna.

Barra minn hekk, għandna bżonn nifhmu l-filosofija u r-razzjonal wara s-sawm li hija kif Alla jispjega fil-Koran Imqaddes (2:184) li, is-sawm huwa ordnat lilkom, ħalli intom issiru ġusti, devoti, bnedmin ġentili u twajba.

Meta nirriflettu dwar is-sawm insibu li s-sawm huwa forma ta' qima u sagrifiċċju li hija essenzjali għas-safa tal-ispirtu. Din l-esperjenza spiritwali tqawwi r-ruħ umana u tipprovdi intuwizzjoni u fehim tar-realtajiet ibsin tal-ħajja li ħafna nies jaffaċċjaw regolarment fid-dinja kollha.

Kif il-ġisem tal-bniedem għandu l-ikel, bl-istess mod, l-ispirtu tal-bniedem għandu bżonn l-ikel spiritwali, u s-sawm jipprovdi l-aħjar opportunità tat-titjib spiritwali tagħna.

L-iskop tas-sawm huwa li wieħed inaqqas il-ħobż materjali u jagħti kas tal-ħobż spiritwali li jsostni r-ruħ li jippurifika lill-bniedem u jsaħħaħ ir-rabta tiegħu mal-Ħallieq.

## Nifhmu l-faqar

Barra minn hekk, is-sawm jgħinna nifhmu x'inhu verament il-faqar u x'jesperjenzaw ħutna l-foqra fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. Jinkoraġġina nuru kompassjoni u nagħmlu l-almu tagħna biex inġibu serħan u faraġ lil dawk fil-bżonn.

Persuna li tgawdi varjetà ta' ikel u dejjem ikollha biżżejjed fuq il-mejda ma tistax tifhem bis-sħiħ l-uġigħ ta' stonku vojt.

Għalhekk, is-sawm—li nastjeni mill-ikel u x-xorb matul il-ġurnata—jippermettilna nesperjenzaw il-ġuħ u l-għatx, u jgħinna nifhmu aħjar x'jissaportu l-foqra kuljum. Is-sawm irawwem u jkattar valuri morali għoljin bħall-ġenerożità, il-mogħdrija, is-solidarjetà, l-umiltà, il-gratitudni u sens qawwi tal-qadi tal-umanità.

Għaldaqstant, is-sawm m'għandux jitqies bħala piż f'dawn iż-żminijiet ta' sfidi kbar, iżda pjuttost għandu jipprovdi opportunità biex wieħed jirrifletti dwar il-grazzja u l-barkiet ta' Alla li aħna ngawdu f'kull mument ta' ħajjitna. Mhuwiex xieraq li aħna niddedikaw ftit ġranet fis-sena biex nuru l-gratitudni tagħna lejn il-Mulej u nirringrazzjawh tal-barkiet Tiegħu?

Mhux importanti li niddedikaw ftit jiem għar-riflessjoni u biex nirriflettu fuq id-dmir tagħna li naqdu lil ħutna l-foqra? Mhuwiex importanti wkoll li jkollna ġranet speċjali biex nerġgħu nistabbilixxu u naffermaw mill-ġdid ir-relazzjoni tagħna mal-Ħallieq tagħna, ma' xulxin, u man-natura?



iStock.com /Habibi Alisyahbana

# Il-Koran Imqaddes—senduq mimli ġojjelli

L-iskop tal-eżistenza tagħna huwa li nqimu lil Alla u niżviluppaw relazzjoni profonda u personali miegħu. Qima vera tfisser li noffru devozzjoni mill-qalb lil Alla, nuru ubbidjenza u sottomissjoni sħiħa għar-rieda Tiegħu. Tfisser li nistinkaw biex nirriflettu dwar l-attributi Tiegħu f'ħajjitna u nużaw il-ħin, il-fakultajiet u r-riżorsi tagħna biex infittxu l-qrubija Tiegħu u naqilgħu l-pjaċir Tiegħu.

Il-Koran Imqaddes huwa teżor mill-aqwa li jipprovdi gwida f'kull pass ta' ħajjitna. Huwa kodiċi tal-ħajja għall-umanità kollha, u għaż-żminijiet kollha li ġejjin. Il-Messija Mwiegħed[as], il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, qal b'mod sabiħ:

> **"Il-Koran Imqaddes huwa senduq mimli ġojjelli, iżda sfortunatament in-nies mhumiex konxji ta' dan."**
>
> **"Il-Koran Imqaddes huwa perla rari. 'Il barra minnu huwa dawl, u l-ġewwieni tiegħu huwa dawl u fuqu hemm id-dawl u taħtu hemm id-dawl u hemm id-dawl f'kull kelma li fih. Huwa ġnien spiritwali fejn il-frott abbundanti tiegħu**



> **jintlaħaq malajr u minnu jgħaddu diversi xmajriet. Kull frotta b'fortuna tajba tinsab fih u kull torċa tinxtegħel minnu… Ġie rivelat lili f'viżjoni illi l-ġnien tal-qdusija huwa msaqqi bl-ilma tal-Koran, li huwa oċean mexxej tal-ilma tal-ħajja. Dak, li jixrob minnu, jirxoxta; tabilħaqq, huwa jgħajjex lil ħaddieħor."** (EoI—1, p.356)

Dan il-ktieb sagru, mhux biss jgħinna nwettqu l-iskop tal-eżistenza tagħna, iżda jgħallimna wkoll kif ngħixu ħajja tajba, nevitaw l-għemejjel ħżiena, u nersqu eqreb lejn Alla.

Fl-isforz tagħna biex nagħmlu t-tagħlim tal-Koran aċċessibbli għal kulħadd, il-Komunità Ahmadiyya Musulmana ħadet irwol ewlieni fit-traduzzjoni tal-Koran Imqaddes f'bosta lingwi. Dan jippermetti lin-nies madwar id-dinja jaqraw u jifhmu l-messaġġ tiegħu fil-lingwa tagħhom stess u jibbenefikaw mill-għerf, l-għarfien u l-gwida profondi tiegħu.

Il-Koran Imqaddes ġie tradott f'aktar minn 75 lingwa—inklużi ħafna lingwi Ewropej, sabiex in-nies ikunu jistgħu jaqraw il-Koran Imqaddes fil-lingwi tagħhom stess, jirriflettu fuq it-tagħlim tiegħu, u jiskopru t-teżori morali, soċjali u spiritwali li fih.

## X'inhu l-Koran Imqaddes?

Il-Koran Imqaddes huwa tabilħaqq teżor divin ta' ġojjelli—kodiċi sħiħ tal-ħajja għall-umanità kollha. Jistabbilixxi prinċipji għall-bini ta' relazzjoni sinifikanti bejn il-Ħallieq u l-ħolqien Tiegħu. Jgħallem id-drittijiet ta' Alla u d-drittijiet tal-umanità. Joffri gwida dwar il-moralità, il-kondotta soċjali, l-etika, ix-xjenza, l-għarfien, u l-profeziji futuri. Joffri soluzzjonijiet profondi għall-isfidi li jiffaċċjaw l-individwi u s-soċjetajiet illum.

Dan il-ktieb sagru huwa l-kelma ta' Alla—teżor etern ta' għerf profond, tama u gwida għall-umanità kollha.

Ejjew ilkoll nagħmlu ħilitna biex naqraw, nifhmu, u naġixxu fuq it-tagħlim tiegħu, sabiex inkunu nistgħu nittrasformaw ħajjitna, intejbu l-komunitajiet tagħna, u fl-aħħar mill-aħħar niksbu suċċess kemm f'din id-dinja kif ukoll f'dik ta' wara. Ammen.

# Fil-qosor

## Għal min jixtieq jiltaqa' m'Alla

Ħażrat Abu Musa[ra] rrakkonta, "Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] qal, 'Kull min jixtieq li jiltaqa' m'Alla, Alla jixtieq li jiltaqa' miegħu; u kull min ma jixtieqx jiltaqa' m'Alla, Alla ma jixtieqx jiltaqa' miegħu.'"

## Alla huwa l-Ħallieq ta' veru

Ħażrat Abu Ħurairah[ra] irrakkonta li sema' lill-Qaddis Profeta Muħammad[sa] jgħid, "Alla, l-Eżaltat u l-Maestuż, qal, 'Min hu aktar inġust minn dak li jipprova joħloq bħall-kreazzjoni Tiegħi? Ħallihom jikkreaw nemla, jew ħallihom jikkreaw qamħa, jew saħansitra żerriegħa tax-xgħir.'"

## Kull tbatija tħassar id-dnubiet

Ħażrat Abu Ħurairah[ra] irrakkonta li l-Qaddis Profeta Muħammad[sa] qal, "L-ebda għeja, jew marda, jew ansjetà, jew niket, jew uġigħ, jew inkwiet ma jolqot lil Musulman – anki t-tingiża ta' xewka li tniggżu – mingħajr ma Alla, permezz tagħhom, ma jħassar uħud minn dnubietu."

# Huwa permissibbli għall-irġiel Musulmani li jilbsu ċrieket tad-djamanti?

Waħda sinjura staqsiet lill-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba], il-Mexxej tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, jekk raġel għandux jilbes ċurkett tad-djamanti. Huwa wieġeb:

"M'hemm l-ebda projbizzjoni fuq l-irġiel biex jilbsu ċurkett tad-djamanti, diment li d-djamant ikun ħaġra fiċ-ċurkett, u ma jkunx hemm intenzjoni ta' moda, tlellix jew espressjoni ta' vanità. Madanakollu, jekk il-persuna tilbsu bl-għan ta' moda, biex tiftaħar u biex turi l-arroganza, mela dan kollu jaqa' fil-kategorija ta' dak li huwa pprojbit, hekk kif il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] ipprojbixxa lill-irġiel milli jilbsu ċ-ċrieket tad-deheb u ħwejjeġ tal-ħarir, eċċ." (*Sahih al-Bukhari, Kitab al-marda, Bab wujubi 'iyadati l-marid*)

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**